MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 1484/2005

**Atlas Insurance Limited – C5601 – kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Joseph Bondin – I.D. 824539M u l-istess Joseph Bondin f'ismu propju**

**Vs**

**Raymond Barbara**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Lulju, 2005 fejn giet mitluba s-somma komplessiva ta' Lm359.26 (tliet mija u disa u hamsin Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmi), jew somma verjuri, danni mhallsa mis-socjeta` attrici fuq vettura AAM - 363, assigurata *comprehensive*, hlief ghall-LM25 (hamsa u ghoxrin Lira Maltin), *excess*, u ghal liema somma s-socjeta` attrici tinsab surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Joseph Bondin u dan b'rizultat ta' habta li grat fl-14 ta' Gunju 2004, gol-Marsa,

waqt li int kont qed issur il-vettura BAH - 307 hbatt mal-vettura AAM - 363 ta' Joseph Bondin u misjuqa minnu, u ghall-liema incident int kont unikament responsabbli. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Jannar 2005, u tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Mejju 2005, u bl-imghax tat-8% fuq Lm359.26 mis-27 ta' Mejju 2005 sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez tal-ittra ufficcjali tal-lum rikjesta mill-ligi kontra Elmo Insurance Limited, assiguraturi tal-konvenut, u nkluz Lm15 konsult, u bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** ta' Raymond Barbara tad-9 ta' Frar, 2006 fejn gie eccepit illi l-incident tat-traffiku mertu ta' din il-kawza gara unikament bi htija ta' l-attur Joseph Bondin. Ghalhekk l-eccipjent mhux responsabbli ghad-danni allegatament mgarrba mill-atturi. Konsegwentement fejn jirrigwarda l-eccipjent ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu l-prova skond il-ligi tal-quantum tad-danni minnhom pretizi. Inoltre` ma' hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjent ghall-hlas ta' danni favur l-atturi.Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi. Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u sema` x-xhieda kollha prodotti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni wara illi t-Tribunal sema` t-trattazzjoni ta' l-abbli d-difensuri.

**Ikkunsidra** :

Illi t-Tribunal irid hawnhekk jiddeciedi jikkundannax lill-konvenut ihallas s-somma mitluba fl-Avviz wara illi jezamina u jiddeciedi dwar jekk l-incident awtomobilistiku de quo sehhx tort tal-konvenut jew le.

Qabel xejn jigi dikjarat illi dwar il-quantum tad-danni reklamati gew esebiti l-ircevuti relattivi u ghalkemm fit-tieni ecezzjoni tieghu, il-konvenut jecepixxi illi l-atturi ghandhom igibu prova tad-danni sofferti – ma jidhirx illi fil-

bqija tal-kors tal-kawza l-provi migjuba mis-socjeta` attrici fir-rigward tal-quantum tad-danni gew b'xi mod kontradetti jew kontestati – sabiex it-Tribunal jikkonkludi illi d-danni sofferti mill-atturi jammontaw ghas-somma mitluba fl-Avviz kif tirrizulta sostnuta bil-provi migjuba.

Jifdal ghalhekk jigi deciz jekk tali danni ghandhomx jithallsu mill-konvenut, u dan jiddependi minn jekk il-konvenut kellux ghandux jiehu t-tort ta' l-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza odjerna.

**Ikkunsidra ulterjorment** :

Illi skond it-Traffic Accident Report 4674 / Sterling – Dok JBORG 2 – (a fol 30), il-konvenut stqarr ma' l-Ufficcjal investigattiv illi "*kont qed indur mar-roundabout fuq in-naha tax-xellug u qala` mill-istop u baqa` diehel*". L-attur minn naha tieghu stqarr "*kont ghaddej fuq il-lane ta' gewwa u l-bowser dahal fuq il-lane tieghi u laqatni u tat-traffic qalli x'ghamilt*".

Illi verament il-verzjonijiet kif riprodotti mill-ufficjali investigattiv ihallu lok ghal kummenti in kwantu illi huwa importanti immense illi tali kummenti jkunu ferm aktar cara milli kif riprodotti hawnekk. Huwa importanti illi r-*reporting officers* li ssostitwew lil Pulizija f'dan ix-xoghol ikunu ferm aktar importanti ghar-riproduzzjoni tal-verzjonijiet tal-partijiet involuti in kwantu illi dawn il-verzjonijiet jistghu igorru piz importanti fid-determinazzjoni ta' tort o meno ta' parti jew ohra f'incident awtomobilistiku.

Mill-istess rapport jirrizulta wkoll illi mar-roundabout quddiem l-ex fabbrika tas-suffarini kien hemm *trailer* wieqaf bi hsara – li in effetti jidher tajjeb fl-iskecth (a fol 32).

Jirrizulta wkoll mir-ritratti annessi ma' l-istess rapport illi d-daqqa fuq il-vettura ta' l-attur Joseph Bondin qeghda principalment fuq il-bieba ta' wara tan-naha tax-xufier. Il-hsara minima fuq it-trakk misjuq mill-konvenut, invece tinsab fuq il-bumper ta' quddiem, fil-kantuniera tan-naha tal-passingier.

L-attur Joseph Bondin spjega (15.03.06) illi Pulizija tat-Traffiku kien qed jidderigi t-traffiku minn hdejn l-istatwa tal-Madonna (mill-Belt ghal Marsa) f'lane wahda u jghid illi minn hdejn il-Pulizija sar-roundabout, it-traffiku kien kollu fuq lane wahda.

Quddiem il-bowser, l-attur jinnega illi kien hemm trakk iehor. Jichad wkoll illi it-truck kien fuq il-lane tieghu u hu (l-attur) ipprova jghaddi bejn it-truck u l-bankina.

Il-konvenut Raymond Barbara (4.07.06) minn naha l-ohra jghid ili huwa kien qed isuq fid-direzzjoni "*biex ninzel lejn ix-Xatt tal-Marsa*". Jghid illi l-vettura li habat maghha "*baqa hiereg minn fuq il-give way mid-direzzjoni tal-Belt lejn il-Marsa".* Jghid wkoll illi *"il-karozza li jiena hbatt maghha, qabditni fuq in-naha ta' l-istaffa……*".

**Ikkunsidra ulterjorment** :

Illi mill-provi kollha prodotti, inkluz x-xhieda moghtija u d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal isib illi l-versjoni tal-konvenut ma tregix u ma hix sostnuta b'mod illi dan it-Tribunal jista` jikkonvinci ruhu illi t-tort ta' l-incident huwa tal-attur.

It-Tribunal ma jistghax jaccetta illi l-attur, kif jallega l-konvenut, "*baqa` hiereg minn fuq il-give way mid-direzzjoni tal-Belt lejn il-Marsa*". Kif juri ritratt JB 4, l-impatt sehh numru ta' metri l-isfel mill-*give way* msemmija mill-konvenut. L-istess ritratti JB1 sa JB4 u kif wkoll l-iskizz juru car illi l-bowser BAH 307 misjuq mill-konvenut jinsab f'posizzjoni diagonali fit-tieni karreggjata fid-direzzjoni tal-karreggjata ta' gewwa mal-bankina. Di fatti, l-istess konvenut Barbara jghid illi ried jinzel "*lejn ix-xatt tal-Marsa, biex nidhol mid-direzzjoni ta' Cassar Shipyards*".

Min dan kollu jirrizulta illi l-bowser misjuq mill-konvenut ghamel il-manuvra illi jersaq fuq gewwa lejn il-bankina fejn sar l-impatt. Dan ghamlu mar-roundabout u meta kien hemm kongestjoni ta' traffiku peress illi kien hemm trailer wieqaf fuq karreggjata ohra mar-roundabout. Ghamlu

wkoll biex jahseb bil-quddiem peress illi ried jidhol lejn il-Marsa hdejn Cassar Ship Repair.

Minn naha l-ohra, l-vettura ta’ l-attur kienet fil-karreggjata taghha wkoll u quddiem il-bowser, tant illi l-bowser laqghat il-vettura fuq il-parti ta’ wara taghha, ossia fuq il-bieba tal-genb ta’ wara.

Min dan kollu it-Tribunal jiddeciedi illi l-manuvra u s-sewqan tal-bowser BAH - 307 kienet tali li ma hax il-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex jevita l-impatt. Meta il-Bowser kien qed jaghmel il-manuvra sabiex jidhol vicin il-bankina bi preparazzjoni sabiex jiehu t-triq lejn ix-Xatt tal-Marsa, il-bowser jew ma rax jew ma tax kaz it-traffiku li seta` kien gej mill-istess karreggjata ta’ gewwa. U meta kien hemm trailer wieqaf mar-roundabout, l-attenzjoni li kellu jezercita is-sewwieq tal-bowser f’dawk ic-cirkostanzi kellha tkun aktar b’reqqa.

Minn naha tieghu is-sewwieq attur kien fi triqtu, qabad il-lane ta’ gewwa tieghu sewwa u kien quddiem il-bowser. Minn mkien ma jirrizulta illi l-vettura dahlet fil-karreggjata tal-bowser, imma bil-kontra, illi kien il-bowser illi kien qed jidhol il-gewwa lejn il-bankina fil-karreggjata komuni ta’ bejn iz-zewg sewwieqa – u f’dak il-mument mess il-vettura fil-parti laterali imma posterjuri tal-vettura.

Hu ghalhekk illi dan it-Tribunal ikollu jsib il-htija ghall-incident attribwibbli lis-sewwieq tal-bowser, ossia tal-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha prodotti, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` t-talbiet attrici u jordna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ tmien mija u sitta u tletin Euros u hamsa u tmenin Euro cents (€ 836.85) – (Lm359.26) kif mitlub fl-Avviz, bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------